**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**POST TA' GĦALLIEM FI ĦDAN IL-MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obligatorja).**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

## 1.0 Introduzzjoni

1.1 Is-Segretarju Permananti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

1.2 L-applikanti jistgħu japplikaw għall-post ta' Għalliem f'wieħed jew aktar mis-suġġetti li jidhru hawn taħt:

1. Edukazzjoni fi Snin Bikrin (ECEC*)*;
2. Edukazzjoni Primarja (Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti);
3. Edukazzjoni Primarja (Ġenerali);

4. Edukazzjoni Sekondarja (*Agribusiness*);
5. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija tal-Inġinerija);
6. Edukazzjoni Sekondarja (Etika);
7. Edukazzjoni Sekondarja (*Hairdressing* u *Beauty*)
8. Edukazzjoni Sekondarja (Saħħa u Kura Soċjali);
9. Edukazzjoni Sekondarja (Ospitalità);
10. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija Informatika);
11. Edukazzjoni Sekondarja (Xjenza);
12. Edukazzjoni Sekondarja (Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti);
13. Edukazzjoni Sekondarja (*Media Literacy*)*;*
14. Edukazzjoni Sekondarja (Żvilupp Personali, Soċjali u fil-Karriera - PSCD);
15. Edukazzjoni Sekondarja (*Retail*);
16. Edukazzjoni Sekondarja (Tessuti u Moda);

17. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja *(Accounting);*
18. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Għarbi);
19. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Arti);
20. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Bijoloġija);
21. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Studji tan-Negozju);
22. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Kimika);

23. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ċiniż);
24. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Kompjuting u/jew Teknoloġija tal-Informatika u/jew Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni);
25. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Żfin);
26. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Reċtar);
27. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Disinn u Teknoloġija);
28. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ingliż);
29. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Studji Ewropej);
30. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Franċiż);
31. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ġografija);
32. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ġermaniż);
33. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Komunikazzjoni Grafika);
34. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Storja);
35. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ekonomija għad-Dar (HE);
36. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Taljan);
37. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICT);
38. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Malti);
39. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Matematika);
40. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Mużika);
41. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Edukazzjoni Fiżika (PE);
42. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Fiżika);
43. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Reliġjon);
44. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Russu);
45. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Studji Soċjali);
46. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Spanjol);

47. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Studji Klassiċi);
48. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Ekonomija);
49. Edukazzjoni Post-Sekondarja (*Engineering Drawing and Computer Aided Design*);
50. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Xjenza Ambjentali);
51. Edukazzjoni Post-Sekondarja (*Marketing*);
52. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Filosofija);
53. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Psikoloġija);
54. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Soċjoloġija);
55. Edukazzjoni Post-Sekondarja (*Systems of Knowledge*);
56. Edukazzjoni Post-Sekondarja (*Theatre and Performance*);

1.2.1 Suġġett tal-Programm għal Tagħlim Alternattiv (ALP) għall-edukazzjoni *mainstream* jew skola/skejjel speċifiċi.

57. Edukazzjoni Sekondarja (*Agribusiness* u Ġardinaġġ);
58. Edukazzjoni Sekondarja (Ħaddiem tal-Aluminju);
59. Edukazzjoni Sekondarja (Arti u Disinn);
60. Edukazzjoni Sekondarja (*Auto Mechanics*);
61. Edukazzjoni Sekondarja (*Automotive Repair - Body and Paint*);
62. Edukazzjoni Sekondarja (Inġinerija Bażika);

63. Edukazzjoni Sekondarja (Snajja' tas-Servizzi tal-Bini);
64. Edukazzjoni Sekondarja (*Care Work*);
65. Edukazzjoni Sekondarja (Karpenterija);
66. Edukazzjoni Sekondarja (*Customer Care* u Bejgħ);
67. Edukazzjoni Sekondarja (Installazzjonijiet Elettriċi u Elettronika Bażika);
68. Edukazzjoni Sekondarja (Induratura taż-Żejt u l-Ilma);
69. Edukazzjoni Sekondarja (*Hairdressing*);
70. Edukazzjoni Sekondarja (*Multi-Media* u Applikazzjoni tal-Informatika u Komunikazzjoni);
71. Edukazzjoni Sekondarja (*Paper Making and Book Binding*);
72. Edukazzjoni Sekondarja (*Personal and Beauty Care*);
73. Edukazzjoni Sekondarja (*Plumbing*);
74. Edukazzjoni Sekondarja (Fuħħar u Ċeramika);
75. Edukazzjoni Sekondarja (*Sheet Metal/Blacksmith*);
76. Edukazzjoni Sekondarja *(Welding and Fabrication*);

1.2.2 Suġġett tal-Edukazzjoni Speċjali fiċ-Ċentri tar-Riżorsi/Klassijiet tar-Riżorsi

77. Edukazzjoni Speċjali (Disinn u Teknoloġija);
78. Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali);
79. Edukazzjoni Speċjali (Ekonomija għad-Dar (HE);
80. Edukazzjoni Speċjali (Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni ICT);
81. Edukazzjoni Speċjali (Xjenza Integrata);
82. Edukazzjoni Speċjali (Żvilupp Personali, Soċjali u fil-Karriera (PSCD);
83. Edukazzjoni Speċjali (Edukazzjoni Fiżika (PE);

1.2.3 Skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni tagħha hu:

- fl-*Accounting* jew fl-Ekonomija tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Studji tan-Negozju u/jew *Retail;*

- fil-Bijoloġija, Kimika jew Fiżika tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Xjenza Integrata;

- fl-*Engineering Drawing u Computer Aided Design* (CAD) tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Komunikazzjoni Grafika;

- fl-Ingliż tista' tkun mitluba tgħallem ukoll l-Ingliż bħala Lsien Barrani fiċ-Ċiklu tal-Primarja/Sekondarja;

- fil-Komunikazzjoni Grafika tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Disinn u Teknoloġija;

- fl-Ekonomija għad-Dar (HE) bi *ECTS/ECVET credits* rilevanti għat-Tessuti tista' tintalab tgħallem ukoll l-Ekonomija għad-Dar (HE) u/jew Studji tat-Tessuti u/jew Tessuti u Moda;

- fl-iStudji tat-Tessuti bi *ECTS/ECVET credits* rilevanti għall-Ekonomija għad-Dar (HE) tista' tintalab tgħallem ukoll Studji tat-Tessuti u/jew Tessuti u Moda u/jew l-Ekonomija għad-Dar (HE);

- fix-Xjenza Integrata bi *ECTS/ECVET credits* rilevanti għall-Kimika tista' tintalab tgħallem ukoll il-Kimika;

- fix-Xjenza Integrata bi *ECTS/ECVET credits* rilevanti għall-Bijoloġija tista' tintalab tgħallem ukoll il-Bijoloġija;

- fix-Xjenza Integrata bi *ECTS/ECVET credits* rilevanti għall-Fiżika tista' tintalab tgħallem ukoll il-Fiżika;

- fil-Malti tista' tkun mitluba tgħallem ukoll il-Malti bħala Lsien Barrani fiċ-Ċiklu tal-Primarja/Sekondarja.

1.3 Persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni tagħha hija l-Arti, Etika, Xjenza Integrata, Mużika, PE jew PSCD (Sekondarja/Post-Sekondarja) tista' tintalab tgħallem ukoll is-suġġett rispettiv fiċ-Ċiklu tal-Primarja.

1.4 Persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni tagħha hija kwalunkwe suġġett mgħallem fil-Livell sekondarju u/jew post-sekondarju f'klawsola 1.2 hawn fuq tista' tintalab tgħallem ukoll is-suġġett rispettiv fiċ-Ċentri tas-Sapport ta' Tagħlim u/jew skejjel li joffru Programmi għal Tagħlim Alternattiv.

1.5 Persuna magħżula biex tgħallem il-Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti tkun meħtieġa li tgħallem aktar minn suġġett wieħed fi ħdan dan il-programm.

1.6 Jekk suġġett li bħalissa huwa mgħallem f'ċiklu partikulari u jibda jiġi mgħallem f'ċiklu differenti, il-persuna magħżula tista' tiġi trasferita skont il-ħtieġa.

1.7 Persuna magħżula tista' tintalab tagħmel kull taħriġ speċjali skont il-bżonn.

## 2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Il-ħatra, li hija suġġetta għal perijodu ta' prova ta' (1) sena, hija fuq bażi indefinit *full-time* u suġġetta għar-regoli u regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta inġenerali u MEDE b'mod partikulari, u tinvolvi l-obligu għal ċaqlieq skont l-esiġenzi tas-Servizz. L-applikanti magħżula, ingaġġati wara l-1 ta' Settembru 2019 u li ma temmewx b'suċċess il-kors imsemmi f'paragrafi 4.2 (iv) u (v) sat-30 ta' Settembru 2019, ikollhom il-perjodu ta' prova estiż kif meħtieġ.

2.2 (a) Madanakollu, meta u jekk ikun hemm vakanza temporanja, MEDE jista' jingaġġa għalliem fuq bażi definit, sal-aħħar tas-sena skolastika 2019/2020, u minn dakinhar li l-persuna taċċetta tibda tissejjaħ Għalliem Temporanju. F'dawn il-każijiet, dan l-ingaġġ jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont il-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss, peress li dan huwa ingaġġ ta' natura temporanja. Il-perijodu ta' prova tkun għal sena (1) u taqa' taħt ir-regoli u r-

regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fil-MEDE u tinvolvi li persuna tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz.

(b) Għalliem Temporanju jitpoġġa fuq il-minimu ta' Skala ta' Salarju 9 li fl-2019, huwa €21,252.00 fis-sena, u jkun intitolat għall-*allowances* ta' Għalliem u/jew *Works Resources* kif applikabbli u stabbilit mis-sezzjoni intitolata *Allowances* fi ħdan il-Ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Għaqda tal-Għalliema ta' Malta fil-21 ta' Diċembru 2017. Dawn l-impjegati jibbenefika minn żidied inkrimentali. Dment li l-għalliema temporanji jistgħu jintalbu jaqdu dmirijiet ta' *Form Teacher* u/jew dmirijiet oħra kif definit fis-sezzjoni fuq *Pastoral Care* għall-Istudenti. Dment li jekk ikun hemm vakanza permanenti, Għalliema Temporanji jistgħu jingħataw iċ-ċans li jipprogressaw għal grad ta' Għalliem fuq bażi indefinit skont ir-regoli tas-Servizz Pubbliku.

2.3 Is-salarju marbut mal-post ta' Għalliem huwa marbut ma' skala tas-salarju 9, li fl-2019 hu ta' €21,252.00 fis-sena, u jitla' b'żieda annwali ta' €447.33 sa massimu ta' €23,936.00. Dan is-salarju huwa supplementat *b'Class Allowance* ta' €1,528 fis-sena flimkien ma' Fond ta' *Work Resources* ta' €423 fis-sena kif stipulat fil-ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Għaqda tal-Għalliema ta' Malta fil-21 ta' Diċembru 2017.

2.4 Persuna fil-grad ta' Għalliem titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€22,645.00 x €486.83 - €25,566.00) wara tmien (8) snin servizz sodisfaċenti fil-grad, u titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€24,153.00 x €531.17 - €27,340.00) wara tmien (8) snin oħra servizz sodisfaċenti fil-grad, ta' Skala ta' Salarju 8.

2.5 Tista' titħaffef il-progressjoni ta' Għalliem għal Skala ta' Salarju li jmiss, minn tmien (8) snin għal sitt (6) snin, jekk għalliem jiġbor f'daqqa 360 siegħa ta' taħriġ rikonoxxut ta' Żvilupp Kontinwu Professjonali (CPD), li jkun imfittex minnu, fuq medda ta' sitt snin (minn skema applikabbli maħruġa mill-maniġment). Dment li jekk dan it-taħriġ ta' CPD imfittex minnu, huwa kkumpensat minn progressjoni mgħaġġla, kwalunkwe kwalifika li tinkiseb minn dawn is-sigħat ma jerġax jiġi kkumpensat minn xi kwalunkwe forma ta' *qualification allowance*.

2.6 Persuna magħżula li tipprovdi esperjenza ta' tagħlim skont :

- L-Addendum tal-Moviment Ħieles tal-ħaddiema fi ħdan l-iStati Membri tal-UE (26 ta' Settembru 2013) u/jew
- Il-Ftehim biex Tiffaċilita l-Moviment għall-Edukaturi bejn Skejjel Liċenzjati (29 ta' Lulju 2015)

tkun eleġibbli għall-aġġustament ta' salarju skont l-*entitlement*.

2.7 Il-ħatra tal-persuna magħżula li taċċetta li tiġi ngaġġata mill-1 ta' Settembru 2019, tkun mistennija tattendi *pre-service college based induction session* mal-*Kap tan-Network* tal-Kulleġġ/Kap tal-Kulleġġ kif ikkomunikat mill-uffiċju tal-*Kap tan-Network* tal-Kulleġġ/Kap tal-Kulleġġ rispettiv, bejn id-19 u l-20 ta' Settembru 2019. Wara dan il-persuna magħżula tkun mistennija tattendi l-*pre-service National Induction Sessions* fit-

18, l-19, u l-20 ta’ Settembru 2019. Dawn is-sezzjonijiet huma parti mis-sentejn programm ta’ induzzjoni għall-għalliema li qed jiggradwaw u għall-għalliema ngaġġati ġodda.

2.8 Il-ħatra ta’ Għalliem hija soġġetta li jintemm b’suċċess il-kors rilevanti msemmi f’paragrafi 4.2 (iv) u (v) sat-30 ta’ Novembru 2019. Min ma jipprovdix din l-evidenza, jitneħħa mill-ordni tal-mertu tar-riżultat u jkun mitmum l-impjieg bħala għalliem.

Iżda, jekk l-applikant ingaġġat ma jkunx temm b’suċċess il-kors rilevanti msemmi f’paragrafi 4.2 (iv) u (v) sat-30 ta’ Novembru 2019, il-persuna tinħatar bħala għalliem supplimentari skont it-termini tas-sejħa ta’ Għalliem Supplimentari ppubblikata fl-2019. F’dan il-każ l-impjieg ikun fuq bażi definit, sal-aħħar tas-sena skolastika 2019/2020.

2.9 Jekk il-persuna magħżula ma jkollux *Warrant* ta’ Għalliem (Permanenti), din tkun eleġibbli li tikseb *Warrant* ta’ Għalliem (Permanenti) biex tipprattika l-professjoni sa sentejn mid-data tal-ħatra tagħha bħala Għalliema, skont it-termini tal-artiklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, u impjieg ’l hinn minn dan il-perijodu jkun suġġett għall-kisba ta’ dan il-*Warrant* bi qbil ma’ artiklu 24 (1) tal-istess Att.

2.10 Il-ħatra tal-persuna magħżula hija suġġetta għall-kisba ta’ *Warrant* ta’ Għalliem (Permanenti) fi żmien tmienja u għoxrin (28) xahar mid-data attwali tal-impjieg. Jekk dan ma jinkisibx ifisser *ipso facto* revokazzjoni tal-Ħatra skont ir-Regolament Nru. 23 tar-Regoli tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (S.L. Const. 01).

2.11 Il-persuna magħżula tkun mistennija twettaq b’suċċess proċess ta’ induzzjoni ta’ sentejn. L-għoti tal-konferma tal-ħatra, is-soltu wara sena, u/jew il-kisba ta’ *Warrant* ta’ Għalliem (Permanenti) skont artiklu 24 jew 41 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, ma jeżentawx lill-persuna magħżula milli twettaq b’suċċess il-proċess ta’ Taħriġ ta’ Induzzjoni.

2.12 Il-Kundizzjonijiet u l-proċeduri rigward il-post ta’ Għalliem, li wieħed jista’ jikkonsulta permezz ta’: http://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Acceptance_procedure_for_new_teachers.pdf japplikaw, jekk u meta, il-persuna magħżula tiġi kkuntattjata mill-MEDE.

2.13 Fil-każ tal-applikanti magħżula f’dis-sejħa għall-applikazzjonijiet f’aktar minn suġġett/qasam/ċiklu wieħed (1), il-persuna magħżula tiġi mpjegata fis-suġġett/qasam/ċiklu skont id-diskrezzjoni tal-MEDE.

2.14 MEDE għandu d-dritt li jassenja u/jew jibgħat il-persuna magħżula biex iservi f’kull Kulleġġ, Skola, u Istituzzjoni Edukattiva, inkluż ukoll fuq bażi ta’ *sharing* fi skejjel f’Malta u f’Għawdex, skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta’ Malta.

## 3.0 Dmirijiet

3.1 Hija r-responsabbiltà tal-Għalliem li tieħu ħsieb li tipprovdi esperjenzi xierqa ta’ tagħlim rilevanti, stimulanti, u li jinvolvi l-istudent, għall-istudenti kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha, billi trawwem b’mod sostenibbli fl-individwu kif ukoll fil-kollettiv, il-benessere fit-tkabbir spiritwali, f’dak emozzjonali, fil-fehim u fl-iżvilupp fiżiku. Il-persuna maħtura bħala għalliem hija mistennija li tikkollabora ma’ edukaturi li jkunu qed

jappoġġaw dan l-isforz fil-klassi jew barra mill-klassi, taħt it-tmexxija tas-*Senior Management* Tim tal-iskola, anke billi jinvolvu ruħhom fl-iżvilupp tal-Komunità ta' Edukaturi Professjonali, inkluż fi ħdan l-*iSchool Development Plan*. Biex dan iseħħ, il-persuna magħżula bħala għalliem għandha:

i. Iżżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi fl-edukazzjoni, b'mod partikulari fir-rigward taċ-ċiklu u/jew qasam rispettiv, inkluż iżda mhux limitat għall-kurrikulum, il-pedagoġija, l-assessjar, ir-*recoding*, u r-rappurtar ta' tagħlim, il-kontenut u l-iżvilupp differenti ta' min jitgħallem;

ii. Toħloq kundizzjonijjiet tajbin biex tiffaċilita l-iżvilupp ħolistiku ta' min qed jitgħallem skont il-linji gwida pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali nominati;

iii. Tippjana, toħloq u tevalwa esperjenzi ta' tagħlim stimulanti, pjaċevoli u pożittivi, inkluż fil-preparazzjoni ta' lezzjonijiet u kif tagħti l-lezzjonijiet, fl-iżvilupp u amministrazzjoni ta' modalitajiet varji ta' assesjar għal u ta' tagħlim, kif ukoll tagħti *feedback* ukoll permezz ta 'reġistrazzjoni u rappurtar tat-tagħlim;

iv. Tindirizza d-diversità billi toħloq opportunitajiet għall-istudenti kollha biex jilħqu l-potenzjal tagħhom mingħajr ma formalment jew informalment joħolqu ostakli jew inaqqsu l-aspettattivi;

v. Tikkontribwixxi għall-kisba inkrimentali tar-riżultati mistennija fis-suġġett, qasam ta' tagħlim u l-livell ta' temi trans-kurrikulari tal-istudenti kollha fdati taħt il-kura tiegħu / tagħha, billi tgħolli l-limitu tal-kisba għal kull individwu u jitnaqqas il-lakuni fil-kisba li jistgħu jeżistu fil-proċess billi tiffaċilita t-twettiq tal-potenzjal ta' kull student;

vi. it-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-linji gwida pprovduti mill-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali taħt il-gwida totali tal-awtorità kompetenti tal-edukazzjoni;

vii. it-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-ħtiġijiet, il-ħiliet u l-potenzjal edukattiv ta' studenti individwali fdati fil-kura tiegħu/tagħha mill-Kap tal-Iskola jew Kap tas-Sezzjoni;

viii. kull dmir ieħor skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif ikunu ddettati mis-Segretarju Prinċipali Permanenti.

Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol ta' dal-post tista' tiġi akkwistata permezz ta' dan il-link: http://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx

3.2 Il-persuna magħżula hija mistennija li twettaq dmirijiet b'lealtà, b'diliġenza xierqa u bl-akbar ħila, u taġixxi f'kull rispett skont l-istruzzjonijiet u/jew direttivi mogħtija lilha mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Kap tan-*Network* tal-Kulleġġ/Prinċipal tal-Kulleġġ, u/jew il-Kap tal-Iskola.

3.3 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tipparteċipa f'korsijiet ta' żvilupp professjonali fosthom kors t'induzzjoni kif jixraq l-irwol u l-funzjonijiet tiegħu, u *Management driven training programme*, kif mitlub mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Kap tan-*Network* tal-

Kulleġġ/Prinċipal tal-Kulleġġ, u/jew Kap tal-Iskola. Dan *il-Management driven training programm* (jew kors t'induzzjoni) mhux ikkunsidrat parti mis-*self-sought Community of Professional Educators (CoPE)* imsemmi f'paragrafu 2.5 hawn fuq.

3.4 Il-persuna magħżula għandha tadotta u taħdem għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp skolastiku ta' skola jew skejjel partikulari li tkun qed iservi fiha/fihom.

## 4.0 Rekwiżiti għal Eleġibbilità

4.1 Sal-għeluq tal-ħin u d-data ta' dis-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; **JEW**

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom dritt għal trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini Maltin rigward xogħol bis-saħħa tal-leġislazzjoni tal-UE u disposizzjoniji tat-trattati li jirreferu għall-moviment ħieles tal-ħaddiema; **JEW**

(ċ) persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini Maltin fi ħwejjeġ relatati ma' xogħol bis-saħħa tal-leġislazzjoni tal-UE u provvedimenti tat-trattat li jirreferu għall-moviment ħieles tal-ħaddiema; **JEW**

(d) persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini Maltin fi ħwejjeġ ta' xogħol skont it-termini tal-liġi jew tal-leġislazzjoni tal-UE u proviżjonijiet tat-trattat imsemmijin aktar 'il fuq, minħabba qrubija fil-familja ma' persuni msemmijin f'paragrafu (a), (b) jew (ċ); **JEW**

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw status ta' residenti għal żmien twil f'Malta li jaqgħu taħt ir-regolament 4 tar-"Regolamenti dwar l-iStatus ta' Residenti għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), 2006" jew li ngħataw permess residenzjali taħt regolament 18(3), flimkien ma' membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess residenzjali taħt ir-"Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja, 2007".

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Espatrijati għandu jiġi kkonsultat skont il-ħtieġa għall-interpretazzjoni tal-provvedimenti t'hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmijin f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq tinħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja ta' xogħol sa fejn dan hu mitlub mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja. Il-Jobsplus għandha tiġi kkonsultata kemm ikun hemm bżonn dwar dil-materja.

(ii) iridu jkunu profiċjenti kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż;

(iii) ikollhom *Warrant* ta' Għalliem (Permanenti) maħruġ mill-Kunsill għall-Professjoni ta' Għalliema (CTP) taħt l-ariklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni;

Madankollu, kandidati li ma jkollhomx Warrant ta' Għalliem maħruġ mis-CTP (Warrant Permanenti) imma li eventwalment jikkwalifikaw għal wieħed skont l-Artiklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni jistgħu wkoll japplikaw, dment li meta l-kandidati magħżulin jiġu offruti xogħol, huma jkunu ssottomettew applikazzjoni għal Warrant ta' Għalliem Temporanju. Il-Ħatra tagħhom bħala Għalliema jingħata bil-kundizzjoni li se jakkwistaw Warrant ta' Għalliem (Permanenti/Temporanju) bi qbil mal-artikli rilevanti tal-istess Att. L-applikanti għandhom japplikaw online minn: https://eforms.gov.mt/pdfforms.aspx?fid=est075m jew iġeddu l-warrant temporanju minn: https://eforms.gov.mt/pdfforms.aspx?fid=est077m

(iv) Uffiċjali Pubbliċi fi grad ta' għalliem, li huma kkonfermati fil-ħatra preżenti tagħhom, u li jixtiequ li jkunu kkunsidrati għal tagħlim f'ċiklu ieħor u/jew jgħallmu suġġett differenti, jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti indikati aktar 'l isfel ta' dak is-ċiklu/suġġett/ qasam li qed japplikaw għalih. Iċ-ċaqlieq ta' għalliema li jkunu għaddew b'suċċess isir mill-MEDE skont l-esiġenzi tas-servizz.

4.2 Barra milli jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-eliġibbilità li jaqgħu taħt paragrafu 4.1 ta' hawn fuq, l- applikanti jridu wkoll jissodisfaw wieħed minn dawn:

(i) ikollhom Warrant ta' Għalliem (Permanenti) kif ukoll kwalifika fil-pedagoġija rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2008) u li għandhom mhux anqas minn ħmistax-il (15) sena ta' esperjenza fit-tagħlim, jgħallmu s-suġġett/qasam/ċiklu li qed japplikaw għalih fi skola liċenzjata; **JEW**

(ii) għandhom Ċertifikat ta' Għalliem jew temmew b'suċċess il-Kors ta' Għalliem Gradwat, it-tnejn f'livell 6 tal-MQF organizzati mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, bis-suġġett li applikaw għalih meħud bħal s-suġġett ewlieni fil-Kors ta' Taħriġ għal Għalliema; **JEW**

(iii) għandhom Ċertifikat ta' Għalliem rikonoxxut (Ċertifikat fl-Edukazzjoni) maħruġ mill-Kulleġġi tal-Edukazzjoni, Mater Admirabilis, jew St. Michael's, flimkien ma' Livell Avvanzat tal-Matrikola fil-livell 4 tal-MQF (minimu Grad C) fis-suġġett li qed japplikaw għalih; **JEW**

(iv) (a) għandhom kwalifika rikonoxxuta ta' Tagħlim fil-livell 6 tal-MQF (ara t-tabella hawn isfel) li jinkludi s-suġġett/qasam li qed japplikaw għalih bħala l-qasam ewlieni ta' tagħlim; **JEW**

(b) għandhom kwalifika rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003), li jinkludi s-suġġett li qed japplikaw għalih bħala l-qasam ewlieni, flimkien ma' kwalifika rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF, fil-Pedagogija fis-suġġett/qasam li qed tapplika għalih.

Fejn l-Università ta' Malta ma offrietx kors ta' B.Ed. jew Ċertifikat Post-Graduate fl-Edukazzjoni (PGCE) qabel it-2016 bi speċjalizzazzjoni f'dak is-suġġett

partikulari f'dawn l-aħħar tliet (3) snin mill-ħruġ ta' dis-sejħa, kull kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta fl-Edukazzjoni fil-livell 6 tal-MQF, jew kwalunkwe kwalifika rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF fil-Pedagoġija tikkwalifika lill-applikant li wkoll ikollu kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF, fejn is-suġġett li qed japplika għalih ikun bħala qasam ewlieni ta' studju, b'mhux anqas minn 180 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti; **JEW**

(v) ikollhom *Masters in Teaching & Learning* fil-livell 7 tal-MQF fis-suġġett/qasam/ċiklu li qed japplikaw għalih bħala l-qasam ewlieni ta' tagħlim; **JEW**

(vi) ikollhom kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF f'suġġett/i fiċ-ċiklu tas-sekondarja, kif ukoll kors t'adattament rikonoxxut mill-Awtoritajiet Edukattivi u erba' (4) snin skolastiċi ta' esperjenza *full-time* ta' tagħlim fiċ-ċiklu tal-primarja fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obligatorja. Applikanti li jippossedu r-rekwiżiti stipulati f'dan il-paragrafu imma m'għandhomx il-kors t'addattament huma xorta eleġibbli li japplikaw bil-kundizzjoni li, jekk jiġu aċċettati, l-applikant ikollu jagħmel dal-kors meta mitlub mill-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni; **JEW**

(vii) (a) ikollhom kwalifika rikonoxxuta (Masters) fil-livell 7 tal-MQF, fis-suġġett li qed japplikaw għalih, b'mhux anqas minn 60 *ECTS/ECVET credits*, jew ekwivalenti, wara li jkunu lestew kwalifika rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF, b'mhux anqas minn 180 *ECTS/ECVET credits,* jew ekwivalenti, flimkien ma' kwalifika rikonoxxuta fil-pedagoġija fil-Livell 6 tal-MQF b'mhux anqas minn 60 *ECTS/ECVET credits,* jew ekwivalenti skont artiklu 24 (2) (d) (iii) tal-Att dwar l-Edukazzjoni; **JEW**

(b) ikkwalifikaw għall-kwalifika rikonoxxuta (Masters) fil-livell 7 tal-MQF bħala studenti maturi, b'mhux anqas minn 60 *ECTS/ECVET credits*, jew ekwivalenti, fis-suġġett li qed japplikaw għalih, wara li jkunu lestew kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF, b'mhux anqas minn 180 *ECTS/ECVET credits*, jew ekwivalenti, flimkien ma' kwalifika rikonoxxuta fil-pedagoġija fil-livell 6 tal-MQF b'mhux anqas minn 60 *ECTS/ECVET credits*, jew ekwivalenti skont artiklu 24 (2) (d) (iii) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

(viii) Applikanti li rreġistraw għal u wara kkwalifikaw għal Masters rikonoxxuta fil-livell 7 tal-MQF b'mhux anqas min 60 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti fis-suġġett li qed tapplika għalih, qabel id-29 ta' Lulju 2008, wara li lestew kwalifika rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF, huma eżenti milli jipproduċu kwalifika rikonoxxuta fil-pedagoġija fil-Livell 6 tal-MQF skont artiklu 24 (2) (d) (iii) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, bil-kundizzjoni li huma eleġibbli għal, jew huma fil-pussess ta' Warrant ta' Għalliem (Permanenti).

Kull referenza għal Kwalifika ta' Tagħlim jew Kwalifika/kors Pedagoġiku msemmi hawn fuq jew f'Appendiċi A, trid tkun skont it-tabella hawn taħt u trid tkunu meqjusa komparabbli mis-CTP skont it-termini ta' Artiklu 24 (2) (d) (iv) tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Min għandu

*Masters in Teaching & Learning*, jew Baċċellerat fl-Edukazzjoni jew PGCE. jew maħruġa mill-Università ta' Malta huma eżentati milli jipprovdu l-komparabbiltà. Dawn jinkludu:

| **Kwalifiċi ta' Tagħlim mill-Universita ta' Malta** | **Livell tal-MQF** | **Minimu ta' ECTS/ ECVET *credits*** | **Minimum ta' Prattika ta' Tagħlim (TP)/Esperjenza ta' skola** | |
|---|---|---|---|---|
| 1. Masters in Teaching and Learning** | 7 | 120 | TP | 20 ECTS/ECVET credits |
| 2. Baċċellerat fl-Edukazzjoni | 6 | 240 | TP<br><br>Esperjenza ta' Skola fis-suġġett/qasam | 16 ECTS/ECVET credits<br><br>8 ECTS/ECVET credits |
| 3. Baċċellerat fl-Edukazzjoni (ECEC) | 6 | 180 | TP<br><br>Esperjenza ta' Skola fis-suġġett/qasam | 16 ECTS/ECVET credits<br><br>8 ECTS/ECVET credits |
| 4. Kwalifika fis-suġġett /qasam<br>+ | 6 | 180 | | |
| Kwalifika Pedagoġika<br>(PGCE)* Ċertifikat Post-Graduate fl-Edukazzjoni | 6 | 60 | TP<br><br>Esperjenza ta' Skola fis-suġġett/qasam | 12 ECTS/ECVET credits<br><br>6 ECTS/ECVET credits |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 5. Masters* + | 7 | 60 | | |
| Kwalifika fis-suġġett/qasam + | 6 | 180 | | |
| Kwalifika Pedagoġika<br><br>(PGCE)* Ċertifikat *Post-Graduate* fl-Edukazzjoni | 6 | 60 | TP<br><br>Esperjenza ta' Skola fis-suġġett/qasam | 12 ECTS/ECVET credits<br><br>6 ECTS/ECVET credits |
| Il-programmi hawn fuq huma għall-programmi li bdew minn Ottubru 2003<br><br>*Programmi li bdew min Ottubru 2008<br><br>** Programmi li bdew min Ottubru 2016<br><br>Kull riferenza għal-Kwalifika għat-Tagħlim jew kors/kwalifika pedagoġiku msemmija f'din is-sejħa, qed tirreferi għal wieħed mill-kwalifiċi msemmija hawn fuq. | | | | |

4.3 Kwalifiċi li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eleġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġett/qasam/ċiklu mitluba.

4.4 Barra milli jissodisfaw xi waħda mir-rekwiżiti stipulati f'paragrafi 4.1 u 4.2 hawn fuq, dawk l-applikanti li għandhom kwalifika tat-tagħlim fl-Edukazzjoni tas-Snin Bikrin jew fil-Primarja irid ikollhom ukoll:

(i) Tliet (3) eżamijiet tal-Livell Ordinarju fil-livell 3 tal-MQF (minimu Ċ jew 5) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, fil-Lingwa Maltija, fil-Lingwa Ingliża u fil-Matematika. Livell Avvanzat tal-Matrikola fil-livell 4 tal-MQF (minimu Grad E), jew kwalifika komparabbli, jew *Pass* fil-*module* tas-suġġett rispettiv meħud bħala parti mill-kors ta' kwalifika fil-livell 6 tal-MQF, jiġu aċċettati bħala alternattiva għal-Livell Ordinarju fil-livell tal-MQF 3, sakemm mhux speċifikat mod ieħor. Dment li applikant li ma jissodisfax dal-ħtiġijiet (f'paragrafu 4.4) jista' jkun eleġibbli biex japplika jekk ikollu Warrant ta' Għalliem Permanenti u kien jgħallem *full-time* fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obligatorja għal perijodu ta' mhux inqas minn ħames (5) snin skolastiċi fl-aħħar għaxar (10) snin skolastiċi;

(ii) Applikanti li daħlu għal wieħed mill-korsijiet stipulati f'paragrafi 4.4 (i) bħala studenti maturi u temmew b'suċċess il-kors huma eżenti mill-provvedimenti ta' paragrafu 4.4 (i) sakemm iġibu xhieda ta' dan mill-istituzzjoni rilevanti;

4.5 Jintlaqgħu wkoll applikazzjonijiet minn applikanti li huma fl-aħħar sena tal-kors tal-kwalifika xierqa skont paragrafu 4.2 (iv) u paragrafu (v). Dawn l-applikanti iridu jipprovdu evidenza li temmew b'suċċess il-kors rilevanti sat-30 ta' Novembru 2019. Min ma jipprovdix din l-evidenza jitneħħa mill-ordni tal-mertu tar-riżultat u jekk ikun impjegat qabel it-30 ta' Settembru 2019, il-ħatra ta' Għalliem tinbidel f'ħatra ta' Għalliem Supplementari u l-ingaġġ ikun fuq bażi definita għas-sena skolastika 2019/2020, li jista' jiġġedded.

4.6 L-applikanti huma mistennija wkoll li jirreferu għal Appendiċi A ta' dis-sejħa għal applikazzjonijiet li tindika aktar dettalji u rekwiżiti ta' eleġibbilità fil-qasam ta' eliġibbiltà tas-suġġett li jinsabu fil-lista tal-paragrafu 1.2. Applikanti li jkunu jixtiequ japplikaw għal suġġetti oħra li ma jidhrux f'Appendiċi A għandhom jirreferu għal paragrafu 4.2 sa 4.5 għar-rekwiżiti ta' eleġibbilità.

4.7 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikulari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eleġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale.*

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.8 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa ghall-post li l-persuna qed tapplika ghaliha (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.9 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eleġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.8 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.10 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiċi mingħand l-MQRIC, jew awtoritá pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel f'paragrafu 8.1). Kwalifiċi tat-Tagħlim mhux maħruġa mill-Università ta' Malta, iridu jkunu meqjusa komparabbli mis-CTP skont it-termini ta' Artiklu 24 (2) (d) (iv) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

4.11 Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jippreżenta dikjarazzjoni ta' komparabbilità maħruġa mis-CTP għal kwalifiċi ta' Tagħlim, li tikkonferma il-komparabbilità tal-kwalifikazzjoni skont paragrafu 4.2 sa 4.5 u Appendiċi A. Dawk li għandhom Baċċellerat fl-Edukazzjoni

jew PGCE, jew MTL maħruġ mill-Università ta' Malta m'għandhomx għalfejn jippreżentaw dikjarazzjoni tal-komparabbilità.

## 5.0 Sottomissjoni tad-Dokumenti ta' Dikjarazzjoni

5.1 Il-kwalifiċi u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun *uploaded* mal-applikazzjoni fuq l-edurecruitment portal: https://edurecruitment.gov.mt. Applikanti li jixtiequ jipprovdu dokumentazzjoni 'l hinn minn dak rikjest mis-sejħa, inkluż rapporti tal-prattika ta' tagħlim, għandhom iġibuhom magħhom jekk u meta jissejħu għall-intervista. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree/Post-Graduate* jew kwalifiċi rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż (*Diploma/Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista. L-applikanti jridu jipproduċu wkoll *employment history* aġġornata maħruġa mill-*Jobsplus* jew l-ekwivalenti, bħala prova ta' esperjenza xogħol. Mingħajrha ma jingħatawx marki għall-esperjenza.

## 6.0 Proċedura tal-Għażla

6.1 L-applkanti eleġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiddetermina kemm huma adattati għall-post. Il-marka massima għal dan il-process tal-għażla hija 800 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 400. Bħala parti mill-intervistà persuni eleġibbli huma mistennija li:

a. tagħmel preżentazzjoni diġitali ta' 5 sa 7 minuti bl-Ingliz fejn turi l-abbiltà sħiħa fil pedagoġija u fl-assesjar f'ambjent inklusiv fil-qasam/suġġett/ċiklu li applikajt għalih

b. turi għarfien professjonali, kompetenzi u attitudnijiet permezz ta' studju/i(każ/ijiet) u numru ta' mistoqsijiet bil-Malti.

L-applikanti eleġibbli jridu jġibu magħhom *laptop/tablet* u jipprovdu verżjoni stampata tal-preżentazzjoni lill-bord tal-għażla. F'każ li m'hemmx *laptop/tablet*, il-kandidati jridu jkollhom aċċess għall-preżentazzjoni minn fuq *memory stick*. Il-kriterji tal-assessjar tista' taċċessahom minn: http://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx

6.2 Il-persuna magħżula taħt paragrafu 4.5 jitqiegħdu f'lista ta' ordni ta' mertu bil-kundizzjoni li tkun ikkwalifikata jew temmet b'suċċess il-kwalifika ta' tagħlim sat-30 ta' Novembru 2019. Titneħħa mill-ordni ta' mertu jekk ma tissodisfax waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

## 7.0 Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

7.1 L-applikanti jistgħu japplikaw għal aktar minn waħda mill-għażliet imsemmija f'paragrafu 1.2 hawn fuq, billi japplikaw separatament għal kull suġġett/ċiklu/qasam**.** Madankollu, hija

l-prerogattiva tal-MEDE li jagħżel liema suġġett/i u/jew ċiklu/i joffri lill-kandidati magħżulin, skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u l-MEDE.

7.2 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, permezz tal-*edurecruitment Portal* **biss** f'dan l-indirizz: https://edurecruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu curriculum vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u *Service and Leave Record Form* (GP 47) aġġornat / Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, f'format pdf, li għandhom ikunu *uploaded* permezz tal-*edurecruitment* Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **nofsinnhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' April 2020**. Ittra elettronika ġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Jekk teħtieġ assistenza ġentilment ikkuntattja Edu Servizz.gov fuq in-numru tat-telefon 153.

7.3 Madankollu, minħabba l-esiġenzi tal-MEDE, il-proċess tal-għażla għall-ewwel jikkunsidra applikazzjonijiet li jkunu waslu sa **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2019**. Dawk l-applikanti magħżulin f'kull ċiklu/suġġett/qasam jitqiegħdu f'lista ta' ordni tal-mertu li tibqa' valida għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

Madankollu, jekk l-ordni tal-mertu tiġi eżawrita minħabba vakanzi addizzjonali fis-ċiklu/suġġett/qasam imsemmi f'paragrafu 1.2, applikanti oħra jistgħu jiġu assessjati mingħajr il-ħruġ ta' sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet, sakemm ikun ssottomettew l-applikazzjoni sa **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' April 2020**. Jekk teħtieġ assistenza ġentilment ikkuntattja Edu Servizz.gov fuq in-numru 153.

7.4 L-applikanti għandhom, flimkien mal-applikazzjoni msemmija f'paragrafu 7.2, jissottomettu applikazzjoni għal warrant temporanju onlajn minn: https://eforms.gov.mt/pdfforms.aspx?fid=est075m, jew iġeddu l-warrant temporanju onlajn minn: https://eforms.gov.mt/pdfforms.aspx?fid=est077m. L-irċevuta ta din l-applikazzjoni/tiġdid trid tiġi sottomessa permezz tal-Portal tal-ingaġġ tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt). Applikazzjonijiet/tiġdid għal warrant ta' għalliem temporanju jiġu pproċessati mis-CTP biss jekk l-applikant jiġi offrut impjieg mal-MEDE.

7.5 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

7.6 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provvedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

## 8.0 Provvedimenti Ġenerali Oħra

8.1 Provvedimenti ġenerali dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'riferenza partikulari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/ regolamenti;
- bdil raġonevoli għal persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiċi;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati (mhux applikabli fid-dawl ta' paragrafu 7.2 hawn fuq);
- żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx. Dawn il-provvedimenti ġenerali għadhom jitqiesu bħala parti integrali minn dis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

**Aktar Eleġibbilità għas-sejħa ta' Għalliem** **Appendiċi A**

Kull waħda mill-kwalifiċi ta' Tagħlim mniżżla hawn isfel jew kull kwalifika xierqa rikonoxxuta trid tkun meqjusa komparabbli mis-CTP skont it-termini ta' Artiklu 24 (2) (d) (iv) tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Min għandu fil-pussess tiegħu *Masters in Teaching and Learning*, Baċċelrat fl-Edukazzjoni jew PGCE*** mogħtija mill-Università ta' Malta huwa eżentat milli jipprovdi l-komparabbiltà. Għall-fini tat-tabella hawn taħt:

- Masters in Teaching and Learning (MTL)* hija kwalifika rikonoxxuta fil-pedagoġija fil-livell 7 tal-MQF b'minimu ta' 120 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti li tinkludi 20 ECTS/ECVET credits fil-Prattika ta' Tagħlim jew ekwivalenti;

- Baċċellerat fl-Edukazzjoni (B.Ed Hons)** hija kwalifika rikonoxxuta fl-edukazzjoni fil-livell 6 tal-MQF b'mhux anqas minn 240 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti li jinkludu 16 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti fil-Prattika ta' tagħlim u 8 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti f'esperjenza ta' skola fis-suġġett/qasam;

- *Degree** hija kwalifika rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF b'mhux anqas minn 180 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti;

- Kwalifika Pedagoġika - Ċertifikat Post-Graduate fl-Edukazzjoni (PGCE)*** hija kwalifika rikonoxxuta fl-edukazzjoni fil-livell 6 tal-MQF b'mhux anqas minn 60 *ECTS/ECVET credits*, jew ekwivalenti li jinkludu 12 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti fil-Prattika ta' tagħlim u 6 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti f'esperjenza ta' skola fis-suġġett/qasam/ċiklu;

- Diploma hija kwalifika rikonoxxuta fil-livell 5 tal-MQF b'mhux anqas minn 60 *ECTS/ECVET credits*, jew ekwivalenti;

- Livell Avvanzat hija kwalifika rikonoxxuta Avvanzata fil-livell 4 tal-MQF (minimu Grad E)

- Livell *Intermediate* hija kwalifika rikonoxxuta Avvanzata fil-livell 4 tal-MQF (minimu Grad E)

*fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2016

**fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003.

*** fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2008.

| **Suġġett** | **Rekwiżiti għall-Eleġibbilità:**<br><br>Applikanti li japplikaw taħt sezzjoni 4 | **Dettalji Oħra** |
|---|---|---|
| Edukazzjoni Primarja (Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti) | B.ED/MTL/PGCE fil-Primarja jew ECEC; | |
| Edukazzjoni Sekondarja (Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti) | Kwalunkwe B.ED/MTL/PGCEfis-Sekondarja jew ECEC; | |
| *Accounting*/Studji tan-Negozji//Ekonomija | Kwalifika rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF fl-*Accounting* u/jew fil-*Business Studies u/jew fl*-Ekonomija u PGCE fl-*Accounting u/jew Business Studies* u/jew Ekonomija; JEW<br><br>MTL fil-*Business Education*;JEW<br><br>B.Ed fl-*Accounting u* fl-Ekonomija | |
| Għarbi | Livell Avvanzat fil-livell MQF 4 fl-Għarbi (minimu Grad E); **U**<br><br>Studju bħala qasam ewlieni kwalifika rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF b'mhux anqas minn 60 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti fil-Lingwa Għarbija | |

| | | |
|---|---|---|
| Kompjuter u/jew Teknoloġija tal-Informatika (IT) | MTL fil-Kompjuting; JEW<br><br>Kwalunkwe B.Ed. (Hons.) u kwalifika fil-livell 5 tal-MQF fl-Edukazzjoni tal-Kompjuting; JEW<br><br>Kwalunkwe (*degree*) rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF flimkien ma' kwalunkwe PGCE, u kwalifika fil-livell 5 tal-MQF fl-Edukazzjoni tal-Kompjuting; JEW<br><br>Kwalifika rikonoxxuta (degree) fil-livell 6 tal-MQF fil-Kompjuting flimkien ma' PGCE bi speċjalizzazzjoni fl-Edukazzjoni tal-Kompjuting. | Id-Diploma fit-Teknoloġija tal-Informatika fl-Edukazzjoni (IT Applications) (Dip.I.T.Ed – 1988-2000) u d-Diploma in a Computer Studies Education (Dip. C.S.Ed.2000-2002; 2002-2004) it-tnejn offruti mill-Università ta' Malta flimkien mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, huma rikonoxxuti bħala kwalifiċi xierqa u komparabbli fl-Edukazzjoni tal-Kompjuting |
| Studji Klassiċi | Kwalifika (*degree)* rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF fl-iStudji Klassiċi | |
| Żfin | Kwalunkwe B. Ed./MTL/PGCE u minimu ta' MQF Livell 4 fis-suġġett li applikajt għalih | |
| Disinn u Teknoloġija | MTL fid-Disinn u t-Teknoloġija; JEW<br><br>B.Ed. (Hons.) fejn il-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni jkun fis-suġġetti Tekniċi; JEW<br><br>Fiżika bi *ECTS/ECVET credits* f'Ellettronika/*Material Technology* u Livell 3 | |

| | | |
|---|---|---|
| Reċtar | tal-MQF fil Komunikazzjoni Grafika jew Disinn u Teknoloġija.<br><br>Il-persuna magħżula tkun meħtieġa li tattendi kors ta' aġġornament (*upgrade*) biex itejjeb l-għarfien u l-ħiliet tagħha fis-suġġett<br><br>MTL fid-Drama;<br><br>JEW<br><br>Kwalunkwe B. Ed./PGCE u minimu ta' MQF Livell 4 fid-Drama | |
| *Engineering Drawing u Computer Aided Design (CAD)* | Livell Avvanzat fil-*Graphical Communication/ Engineering Drawing*; **U**<br><br>*City & Guilds 2D AutoCAD* fil-Livell 4 tal-MQF; **U/JEW**<br><br>*City & Guilds 3D AutoCAD* fil-Livell 4 tal-MQF | Applikanti li qagħdu għall-*Engineering Drawing* Livell Avvanzat mill-2011 'il quddiem huma eżentati mis-*City & Guilds 2D AutoCAD* u *City & Guilds AutoCAD* billi dan jinkludi komponenti fil-*CAD* |
| Xjenza Ambjentali | Kwalifika (Degree) rikonoxxuta fil-Livell 6 tal- MQF f'xi suġġett tax-Xjenza, prefibbilment fil-Bijoloġija jew il-Kimika; **JEW**<br><br>Kwalifika (Degree) rikonoxxuta fil-Livell 6 tal- MQF fix-Xjenza Ambjentali; JEW | |

| | | |
|---|---|---|
| | Kwalifika (Degree) rikonoxxuta fil-Livell 6 tal- MQF fil-Ġografija. | |
| Etika fl-Iskejjel | PGCE/MTL fit-Tagħlim tal-Etika fl-Iskejjel | |
| Komunikazzjoni Grafika | B.Ed. (Hons) jew PGCE/MTL b'qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni f'suġġett mgħallem fiċ-ċiklu tas-Sekondarja u Livell Avvanzat (Grad minimu E) fil-Komunikazzjoni Grafika;<br><br>U/JEW<br><br>B.Ed. (Hons) jew PGCE/MTL b'qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni f'suġġett mgħallem fiċ-ċiklu tas-Sekondarja u Livell Avvanzat (Grad minimu E) fl-*Engineering Drawing* (il-kandidat il-magħżul ikun mistenni li jattendi kors ta' titjib biex isaħħaħ l-għarfien tiegħu/tagħha fis-suġġett). | |
| Teknoloġija tal-Informatika u Komunikazzjoni | B.Ed. (Hons) jew PGCE/MTL b'qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni f'suġġett fiċ-ċiklu tas-Sekondarja; U<br><br>*Pass* fis-seba'(7) *modules* kollha tal-*European Computer Driving Licence (ECDL)*; U | |

| | | |
|---|---|---|
| Teknoloġija tal-Informatika u Komunikazzjoni | Livell Avvanzat (Grad minimu E) fit-Teknoloġija tal-Kompjuter u Informatika; JEW<br><br>Erba'(4) *modules* tal-*European Computer Driving Licence* (*ECDL*) Avvanzat<br><br>JEW<br><br>*Higher National Diploma* jew kwalifika komparabblifil-Livell 5 tal-MQF fl-*ICT*, jew fl-*IT*, jewfil-Kompjuting | |
| Xjenza Integrata | Studjaw il-Bijoloġija, il-Kimika jew il-Fiżika bħala qasam ewlieni fid-degree rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF. | |
| Mużika | B.ED jew MTL fil-Mużika;<br><br>JEW<br><br>1st degree u PGCE fil-Mużika;<br><br>Dawk li qed japplikaw bis-saħħa ta' *Fellowship Diploma* fil-Mużika fil-Livell 7 tal-MQF irid ikollhom kwalifika tat-Tagħlim (kors pedagoġiku) fil-Mużika.<br><br>Dawk li japplikaw bil-Livell 7 tal-MQF qabel 2008 huma eżentati milli jkollhom fil-pussess | |

| | | |
|---|---|---|
| | tagħhom kwalifika fil-Livell 6 tal-MQF fil-qasam. | |
| Filosofija | minimu ta’ 60 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti fil-Filosofija;<br><br>**JEW**<br><br>Kwalifika (Degree) rikonoxxuta fil-Livell 6 tal- MQF fil-Filosofija. | |
| Primarja/ECEC | Irid ikollhom ukoll Livell ordinarju MQF 3 fl-Ingliż, fil-Malti, u fil-Matematika. | |
| Psikoloġija | Kwalifika (Degree) rikonoxxuta fil-Livell 6 tal- MQF fil-Psikoloġija;<br><br>**U**<br><br>Kwalunkwe PGCE/MTL | |
| Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali) | Kwalunkwe B.Ed (Hons);<br><br>**JEW**<br><br>Kwalunkwe PGCE/MTL | Preferenza tingħata lill-applikanti li għandhom, jew ġew approvati biex jingħataw, *Post-Graduate Diploma* jew ogħla fl-edukazzjoni ta’ studenti bi bżonnijiet speċjali, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, maħruġa minn istituzzjoni ta’ edukazzjoni għolja rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-persuna magħżula trid issegwi taħriġ speċjalizzat u/jew tattendi korsijiet (kemm lokali kif ukoll barra minn Malta) biex ittejjeb l-valur tal-kompetenza tagħha f'oqsma relatati mal-Edukazzjoni Speċjali. |
| Reliġjon | Irid ikollhom ukoll iċ-Ċertifikat tal-Idonjetà biex tgħallem ir-Reliġjon maħruġ mill-Kurja tal-Arċisqof (Malta). | |
| Studji Soċjali | MTL fl-iStudji Soċjali;<br><br>JEW<br><br>Studjaw is-Soċjoloġija jew l-Istudji Soċjali bħala qasam ewlieni tagħhom fil-kwalifika (Degree) rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF;<br><br>**U/JEW**<br><br>Kwalunkwe PGCE/MTL | |
| Soċjoloġija | Minimu ta' 60 *ECTS/ECVET credits* jew ekwivalenti fis-Soċjoloġija;<br><br>**JEW**<br><br>Kwalifika (Degree) rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF fis-Soċjoloġija | |

| | | |
|---|---|---|
| *Systems of Knowledge* | Kwalifika (Degree) rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF fis-Soċjoloġija, fil-Filosofija jew fl-Arti **U**<br><br>Livell Intermedjarju fil-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija jew Studji Ambjentali;<br><br>**JEW**<br><br>Kwalifika (Degree) rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF fejn fil-qasam ewlieni ta' studju kellhom ix-Xjenza, il-Bijoloġija, il-Fiżika jew il-Kimika **U**<br><br>Livelll Intermedju fil-Livell fis-Soċjoloġija, fil-Filosofija, l-Arti u Storja; JEW<br><br>Livell Intermedju fis-Soċjoloġija, fil-Filosofija, l-Arti u Storja | Applikant li ma jissodisfax dar-rekwiżiti jista' wkoll ikun eleġibbli biex japplika jekk hu/hi ikollu/ikollha degree fil-livell 6 tal-MQF f'wieħed mis-suġġetti msemmija, u jkun ilu jgħallem is-*Systems of Knowledge full-time* fiċ-ċiklu tal-Post-Sekondarja fi skola liċenzjata.<br><br>Evidenza ta' studji/ komponenti interdixxiplinarji li jinkludu Teżi fid-*degree* jitqiesu b'mod favorevoli. Tingħata wkoll kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, flimkien mal-kwalifiċi mitluba, għandhom esperjenza fit-tagħlim tas-*Systems of Knowlege*.<br><br>Applikant li ma jissodisfax dar-rekwiżiti jista' wkoll ikun eleġibbli biex japplika jekk hu/hi jkollu/jkollha degree fil-Livell 6 tal-MQF f'wieħed mis-suġġetti msemmija, u jkun ilu jgħallem is-*Systems of Knowledge full-time* fiċ-ċiklu tal-Post-Sekondarja fi skola liċenzjata.<br><br>Evidenza ta' studji/ komponenti interdixxiplinarji li jinkludu Teżi |

| | | |
|---|---|---|
| | | fid-*degree* jitqiesu b'mod favorevoli. Tingħata wkoll kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, flimkien mal-kwalifiċi mitluba, għandhom esperjenza fit-tagħlim tas-*Systems of Knowlege*.<br><br>L-applikanti li ma għandhomx fil-pussess tagħhom iċ-Ċertifikat (kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET organizzat mill-MEDE) jistgħu xorta japplikaw bil-kundizzjoni li jkunu ġabu din il-kwalifika sal-15 ta' Lulju 2018. |
| *Theatre and Performance* | Kwalifika (Degree) rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF fir-Reċtar; U<br><br>Kwalunkwe PGCE/MTL | |
| Suġġett fil-Programmi ta' tagħlim Alternattiv (ALP):<br>*Agribusiness* u Ġardinaġġ,<br>Ħaddiem tal-Aluminju,<br>Arti u Disinn,<br>*Auto Mechanics,*<br>*Automotive Repair (Body and Paint),*<br>Inġinerija Bażika,<br>Snajja tas-Servizzi tal-Bini,<br>*Care Work,* | Kwalunkwe B. Ed/MTL/PGCE u minimu ta' MQF Livell 4 fis-suġġett li applikajt għalih | |

| | | |
|---|---|---|
| Karpenterija,<br>*Customer Care* u Bejgħ,<br>Installazzjonijiet Elettriċi u Elettronika Bażika,<br>Induratura taż-Żejt u l-Ilma,<br>*Hairdressing*,<br>*Multimedia* u Applikazzjoni tal-Informatika u Komunikazzjoni,<br>*Paper Making* u *Book Binding*,<br>*Personal & Beauty Care*,<br>*Plumbing*,<br>Fuħħar u Ċeramika,<br>Sheet Metal/Blacksmith,<br>Welding u Fabrication. | | |
| Suġġetti Oħra:<br><br>*Agribusiness*,<br>Teknoloġija tal-Inġinerija,<br>*Hairdressing & Beauty*<br>Ospitalità,<br>Saħħa u Kura Soċjali,<br>Teknoloġija tal-Informatika,<br>*Media Literacy*<br>*Retail*<br>*Tessuti* | Kwalunkwe B.ED/MTL/PGCE u minimu ta' MQF Livell 4 fis-suġġett li applikajt għalih<br><br>L-applikanti eleġibbli irid ikollhom ukoll, kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET organizzat mill-MEDE; | L-applikanti li mhux fil-pussess tal-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET organizzat mill-MEDE, xorta jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li jġibu din il-kwalifika sal-23 ta' Settembru 2019. |

Kwalifiċi li huma ta' Livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eligibbiltà basta jkunu fis-suġġetti/erja mitluba.